**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 15 ta' OTTUBRU 2024**

**Rikors Kost. Nru. 123/2020 GM**

**Abdusalem MUSSA NURHUSEIN u martu Sebah MAHAMED SAID personalment kif ukoll bħala leġittimi rappreżentanti ta' binthom Suleka Abdusalem;**

**Chuwuka OTABOR u martu Anita OKWOUKEYE personalment kif ukoll bħala leġittimi rappreżentanti ta' uliedhom Precious, Gift u Princess;**

**Mahad AHMED ABDULLAHI u martu Nasra HASHI Farah personalment kif ukoll bħala leġittimi rappreżentanti ta' uliedhom Mutaaz u Hadiya**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku u Reġistratur taż-Żwiġijiet**

**u**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Kostituzzjonali ta' (l) Abdusalem MUSSA NURHUSEIN u martu Sebah MAHAWED SAID personalment kif ukoll bħala leġittimi rappreżentanti ta' binthom Suleka Abdusalem; (2) Chuwuka OTABOR u martu Anita OKWOUKEYE personalment kif ukoll bħala leġittimi rappreżentanti ta' uliedhom Precious, Gift u Princess; (3) Mahad AHMED ABDULLAHI u martu Nasra HASHI FARAH personalment kif ukoll bħala leġittimi rappreżentanti ta' uliedhom Mutaaz u Hadiya, li permezz tiegħu wara li ppremettew illi :

> 1. Ir-rikorrent Abdusalem MUSSA NURHUSEN huwa mill-Eritrea. Fis-27 ta' Awwissu 2013 huwa wasal Malta flimkien ma' martu r-rikorrenti Sebah MAHAMED SAID. Huma applikaw għal status ta' Rifuġjat u ngħataw Immigration Police Identification Number 13T-005 u 13T-006 rispettivament. Fl-1 ta' Frar 2014 huma t-tnejn ingħataw Protezzjoni Sussidjarja. Fl-l ta' Frar 2015, mart ir-rikorrent, Sebah MAHAMED SAID welldet tifla fl-Isptar Mater Dei, li ngħatat l-isem ta' Suleka Abdusalem.
>
> Meta, wara l-wasla tagħhom f'Malta, huma ġew intervistati mill-Uffiċċju tal-Kummissjoni għar-Rifuġjati fl-20 ta' Diċembru 2013, it-tnejn li huma, separatament, iddikjaraw illi kienu żżewġu f'Khartaoum, is-Sudan, fid-19 ta' April 2012. Iż-żwieġ tagħhom kien wieħed tradizzjonali, jiġifieri, dak li jissejjaħ 'family way marriage', fil-preżenza ta' raġel anzjan, u fil-preżenza ta' hu r-rikorrent Abdusalem MUSSA NURHUSEIN u omm ir-rikorrenti Sebah MAHAMED SAII) u xi qraba oħra. Dan iż-żwieġ ma ġiex reġistrat u lanqas ma seta' jiġi rreġistrat. Ma jeżisti l-ebda Reġistru Pubbliku fiż-żona fejn kienu jgħixu.
>
> Waqt li kienu Malta, ir-rikorrenti applikaw għar-reġistrazzjoni taż-żwieġ tagħhom fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta iżda t-talba tagħhom ġiet irrifjutata peress li skont id-dokumenti rilaxxjati mill-Kummissarju għar-Rifuġjati ż-żewġ rikorrenti kienu ddikjaraw illi kienu żżewġu f'Khartoum, is-Sudan, fid-19 ta' April 2012. Barra minn hekk, binhom ġie mċaħħad minn passaport għaliex ma kellux att tat-twelid. Id-dikjarazzjoni tal-ġenituri tiegħu magħmula quddiem il-Kummissarju għar-Rifuġjati mhix meqjusa valida sabiex jinħareġ passaport lil binhom. B'danakollu, Imam Mohamed Elsadi taċ-Ċentru Islamiku f'Malta rrilaxxja ċertifikat taż-żwieġ datat 23 ta' Lulju 2016. Dan iċ-ċertifikat ukoll mhux meqjus validu sabiex jinħareġ passaport jew biex jiġi reġistrat it-twelid ta' ulied oħra.
>
> Skont ir-Reġistru Pubbliku ta' Malta u r-Reġistratur taż-Żwiġijiet, ma jistgħux jiġu reġistrati żwiġijiet magħmula jew reġistrati barra minn Malta bejn persuni li ma jkunux ċittadini Maltin. Lanqas ma jista' jiġi ċelebrat u reġistrat żwieġ f'Malta bejn persuni li jkunu ddikjaraw li diġa' huma miżżewġin. Ir-Reġistru Pubbliku rrefera għar-rekwiżiti imposti fil-Kodiċi Ċivili u fl-Att dwar iż-żwieġ.

Fost il-koppji konċernati, hemm għadd ta' nies li kellhom jaħarbu minn pajjiżhom u li fiż-żmien tal-ħarba tagħhom minn pajjiżhom għal art li tista' tagħtihom kenn kienu kostretti jagħmlu żmien jgħixu f'żona fejn il-Liġi ma tiggvernax, bħal f'deżert. Oħrajn kellhom jinħbew minħabba periklu għal ħajjithom. Għalhekk, filwaqt li bħala bnedmin setgħu jingħaqdu bejniethom permezz ta' żwieġ tradizzjonali jew 'family way marriage' u anke welldu t-trabi, skont iċ-ċirkostanzi diffiċli li kienu jinsabu fihom, iż-żwiġijiet tagħhom u t-twelid ta' uliedhom ma setgħux jiġu rreġistrati mir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, u dan qed iwassal għal ċaħda mill-identita' tagħhom, li hi 'jus soli'.

Il-Kummissjoni Emigranti u Rifuġjati ilha tipprova tasal għal soluzzjoni dwar din il-kwistjoni ta' żwiġijiet tradizzjonali bejn żewġ persuni mdawrin bil-qraba u/jew ħbieb qabel il-wasla tagħhom f'Malta, kif ukoll dwar ir-reġistrazzjoni tat-twelid ta' uliedhom jew ta' minuri li jkunu twieldu fid-deżert qabel ma waslu Malta. Saħansitra l-Kummissjoni ressqet talba quddiem l-Ombudsman sabiex, sakemm din il-kwistjoni illi żwieġ mhux reġistrat jiġi konvalidat fir-Reġistru Pubbliku, il-Kummissarju tar-Rifuġjati jiġi mitlub iżid mad-dettalji tal-post u data taż-żwieġ, il-lokalita' u l-forma taż-żwieġ.

Il-kwistjoni tressqet quddiem id-Direttorat tad-Drittijiet Fundamentali u Integrazzjoni fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza. Iżda, minkeija li għadda ċertu żmien, ma ġiet provduta l-ebda soluzzjoni.

Id-dritt għal identita' huwa dritt fondamentali mill-iktar importanti.

Ir-rifjut da parti tal-Istat Malti li jirreġistra ż-żwieġ u twelid ta' persuni li kellhom jaħarbu minn pajjizhom u li fiż-żmien tal-ħarba tagħhom minn pajjizhom għal art li tista' tagħtihom kenn, għaddew żmien jgħixu f'post fejn il-Liġi ma tiggvernax, bħal f''deżert, jew kellhom jaħbu lilhom infushom biex jaħarbu minn persekuzzjoni jew minn ħsara jew mill-mewt, matul liema żmien huma ngħaqdu bejniethom bi żwieġ u welldu l-ulied, jivvjola d-drittijiet fondamentali tagħhom u ta' uliedhom.

L-Istat Malti għandu obbligazzjoni pożittiva li jirreġistra ż-żwieġ tradizzjonali tagħhom anke jekk ma jagħrfux jagħtu l-lokalita' u d-data preċiża fejn u meta twettaq, ladarba kollox huwa veru, u kollox huwa naturali skont it-tradizzjonijiet tagħhom minkejja li huma differenti mill-formalitajiet taħt il-Liġi ta' Malta.

L-aħjar interess tal-minuri għandu jkun fiċ-ċentru tal-eżerċizzju meta wieħed jibbilanċa d-dritt għad-dinjita' umana u l-interess pubbliku. Persuna li titħalla mingħajr ċertifikat tat-twelid hija nieqsa minn dinjita' u awtonomija u titqiegħed f'qagħda vulnerabbli.

2. Ir-rikorrent Chuwuka OTABOR, imwieled fin-Niġeria, u martu Anita OKWOUKEYE, imwielda wkoll fin-Niġeria, waslu Malta fit-23 ta' Ġunju 2007. Huma applikaw għal status ta' Rifuġjat u t-talbiet tagħhom ingħataw Office of the Refugee Commission Application no. 5776/08 u 5777/08 rispettivament. Huma jgħixu Malta ġewwa San Pawl il-Baħar. Kif irrappurtat minnhom lill-awtoritajiet Maltin, huma żżewġu "the family way" ġewwa Igbanke, Edo State, fin-Niġeria, f'Jannar 2006. Waqt l-interview tagħhom mal-Kummissjoni għar-Rifuġjati ż-

żewġ rikorrenti ddikjaraw li huma miżżewġin lil xulxin minkejja li ż-żwieġ tagħhom ma kienx f'forma uffiċjali u għalhekk ma kienx reġistrat.

Waqt li kienu Malta, huma kellhom tlett itfel: tifla Precious imwielda fid-29 ta' Novembru 2009, tifla Gift imwielda fl-10 ta' Diċembru 2011 u tifla Princess imwielda fit-22 ta' Settembru 2015. Ix-xewqa tagħhom hija li jiżżewġu ċivilment u kanonikament u li jkollhom iż-żwieġ tagħhom jiġi debitament irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku kif ukoll mal-Knisja.

3. Ir-rikorrenti Nasra HASHI FARAH, imwielda s-Somalia, iddaħħlet Malta fl-20 ta' Marzu 2015 u applikat għall-status ta' Rifuġjat. Hija ngħatat Immigration Police Identification No. 14A-006 u Ref. Com. No. 17016/14. L-applikazzjoni tagħha għal status ta' Rifuġjat ġiet miċħuda u hija kompliet tgħix hawn Malta in forza ta' Police visa maħruġa kull tliet xhur.

Hawn Malta, ir-rikorrenti daħlet f'relazzjoni mar-rikorrent Mashad AHMED ABDULLAHI wkoll mis-Somalia, li għandu Immigration Police Identification No. 13Q-032, u li għandu protezzjoni sussidjarja. Fis-7 ta' Ottubru 2017 iż-żewġ rikorrenti żżewġu ġewwa ċ-Ċentru Islamiku fir-Raħal il-Ġdid. Huma għandhom żewġ ulied: tifla Mutaaz, imwielda Malta fis-7 ta' Ottubru 2017 u t-tifla Hadija, imwielda Għawdex fit-8 ta' Settembru 2018. Uliedhom ingħataw protezzjoni sussidjarja.

Sussegwentement, Mashad AHMED ABDULLAHI u Nasra HASHI FARAH applikaw sabiex jiżżewġu ċivilment u sabiex iż-żwieġ tagħhom jiġi reġistrat u t-twelid ta' uliedhom jiġi reġistrat uffiċjalment, iżda t-talba tagħhom biex jiżżewġu ġiet miċħuda.

Kieku r-rikorrenti Nasra HASHI FARAH setgħet timpjega ruħha bil-permess tax-xogħol, wara ħames snin taħdem, kienet tkun intitolata biex tapplika għall-Specific Residence Authorisation Card u għalhekk tkun intitolata li tiżżewweġ. Iżda r-rikorrenti Nasra HASHI FARAH hija omm ta' żewġt itfal żgħar u għalhekk ma tistax toħroġ taħdem, liema sitwazzjoni qiegħda tikkawża tbatija għal uliedha li għandhom protezzjoni sussidjarja.

In-negazzjoni tad-dritt għal identita', li jista' jitnissel biss mir-reġistrazzjoni tat-twelid ta' persuna, toħloq ostakoli insormontabbli biex wieħed jeżerċita d-dritt għal ħajja privata u għall-ħajja tal-familja. Dan id-dritt għal identita' tal-persuna jiżboq l-interess pubbliku f'dawn il-każijiet.

Kwalunkwe stat għandu l-obbligu pożittiv li jipprevjeni, jevita u jnaqqas statelessness.

In-negazzjoni tar-reġistrazzjoni tat-twelid ta' persuna jolqot ukoll id-dritt għal personalita' f'għajnejn il-liġi:

> 1.34. This Court has stated that the cases in which the victims of human rights violations are children are particularly serious. The prevalence of the child's superior interest should be understood as the need to satisfy all the rights of the child, and this obliges the State and affects the interpretation of the other rights established in the Convention when the case refers to children. Moreover, the State must pay special attention to the needs and the

> rights of the alleged victims owing to their condition as girl children, who belong to a vulnerable group.
> ....
>
> 185. In addition to the above, the Court considers that the vulnerability to which the children were exposed as a result of the lack of nationality and juridical personality was also reflected, in the case of the child Violeta Bosico, by the fact that she was prevented from attending day school .....

(Yean and Bosico, Children v. The Dominican Republic, Inter-American Court Of Human Rights, September 8, 2005).

Skont Rapport "Statelessness: Denied the right to have rights" –

> One of the most abstract of human rights - the right to an identity and a name - is intrinsically linked to nationality. For many if not most stateless people around the world, their statelessness means they have no legal identlty .... Birth registration is the single most important means to providing children with a legal identity.

Tali negazzjoni tivviola d-dtitt għal trattament inuman u degradanti (Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem) kif ukoll id-dritt għal ħajja privata u għall-ħajja tal-familja (Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea).

L-intimat lanqas aċċetta li almenu jkun hemm konvalidazznoi ta' dawn iż-żwiġjiet li jsiru fid-deżert jew art imbegħda fejn il-Liġi ma tiggvernax u ta' twelid li jkun seħħ f'dawn l-ambjenti u ċirkostanzi diffiċli, u dan kif isir fil-Knisja Kattolika fejn żwieġ li fir-rigward tat-validita' tiegħu jkun jeżisti xi dubju rigward formalita' jiġi kkonvalidat.

L-Istat qiegħed effettivament iċaħħad lir-rikorrenti mir-rikonoxximent tal-istatus ta' persuni miżżewġa. L-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem jipprovdi:

> L-irġiel u n-nisa ta' eta' ta' żwieġ għandhom id-dritt li jiżżewġu u li jkollhom familja, skont il-liġijiet nazjonali li jirregolaw l-eżerċizzju ta' dan id-dritt.

Jekk iż-żwieġ u t-twelid tal-ulied ma jiġux rikonoxxuti mill-Istat, allura d-dritt li l-irġiel u n-nisa ta' eta' jiżżewġu u jkollhom familja ma jkun ifisser xejn.

Fil-każ tat-twelid ta' tfal, ladarba ma jkollhomx att tat-twelid, lanqas ikun jista' jinħarġilhom passaport, u dan ikompli jċaħħadhom mid-dinjita', jimpedihom milli jgħixu ħajja normali u jġib fix-xejn id-drittijiet fondamentali tagħhom, senjatament id-dritt għal ħajja privata u għall-ħajja tal-familja.

F'din is-sitwazzjoni, ir-rikorrenti sfaw mingħajr rimedju effettiv li jinsab garantit mill-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi, tenut kont illi r-rikorrenti konjuġi msemmija żżewġu bil-mod tradizzjonali skont il-kultura tagħhom f'postijiet imbegħda fejn ma tiggvernax il-Liġi, bħal deżert jew post ta' konflitt armat, u wħud minnhom welldu t-tfal f'postijiet imbegħda bħal dawn, jew kellhom jinħbew sabiex jaħarbu minn persekuzzjoni, ħsara fiżika jew il-qtil tagħhom, ir-rifjut u n-negazzjoni tar-reġistrazzjoni jew konvalidazzjoni taż-żwieġ tagħhom kif ukoll in-negazzjoni tar-reġistrazzjoni jew konvalidazzjoni tat-twelid ta' uliedhom jammontaw għal vjolazzjoni tal-Artikoli 3, 8, 12 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem;

2. Tiddeċiedi illi in kwantu l-intimati qegħdin jibbażaw ir-rifjut tagħhom fuq dak li hemm provdut fil-liġi, fir-rigward tar-rekwiżiti imposti fil-Kodiċi Ċivili u fl-Att dwar iż-Żwieġ, dawk id-dispożizzjonijiet tal-liġijiet in materia invokati mill-intimat jivvjolaw id-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti hawn fuq imsemmija u għalhekk għandhom jiġu dikjarati nulla u bla effett u tordna t-tħassir tagħhom;

3. Bis-saħħa tas-setgħat tagħha a tenur tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4 tal-Kapitolu 319, tordna lid-Direttur tar-Reġistru pubbliku u Reġistatur taż-Żwiġijiet biex iżomm Reġistru separat li fih jirreġistra ż-żwieġ ċivili tagħhom bil-mod tradizzjonali skont il-kultura tagħhom hekk konvalidat;

4. Tordna lid-Diretur tar-Reġistru Pubbliku u Reġistratur taż-Żwiġijiet biex jikkonvalida u jirreġistra ż-żwiġijiet ta' (l) Abdusalem MUSSA NURHUSEIN u marru Sebah MAHAMED SAID; (2) Chuwuka OTABOR u jirreġistra ż-żwieġ ċivili tagħhom bil-mod tradizzjonali skont il-kultura tagħhom hekk konvalidat;

5. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u Reġistratur taż-Żwiġijiet biex jikkonvalida u jirreġistra ż-żwiġijiet ta' (1) Abdusalem MUSSA NURHUSHIN u martu Sebah MAHAMED SAID; (2) Chuwuka OTABOR u martu Anita OKWOUKENYA; u (3) Mahad AHMED ABDULLAHI u martu Nasra HASHI FARAH liema żwiġijiet saru bir-rit tradizzjonali u "the family way" f'data u post li ġew indikati minnhom rispettivament lill-Kummissarju għar-Refuġjati;

6. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jirreġistra t-twelid ta' uliedhom Suleka Abdusalem; Precious, Gift u Princess; u Mutaaz u Hadiya rispettivament.

7. Tordna l-ħlas ta' kumpens xieraq lir-rikorrenti, li jkun jinkludi l-ħlas ta' *non-pecuniary damages*.

Rat ir-Risposta tal-Avukat tal-Istat, tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u tar-Reġistratur taż-żwieġ li permezz tagħha eċċepew illi:

Il-lanjanza tar-rikorrenti hija fis-sens illi r-rifjut da parti tar-Reġistratur taż-Żwieġ biex huma jingħaqdu fiż-żwieġ jew li ż-żwieġ tagħhom jiġi rreġistrat u r-rifjut tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jirreġistra t-twelid ta' uliedhom jammonta għal vjolazzjoni tal-artikoli 3, 8, 12 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem. Ir-rikorrenti qegħdin jitolbu wkoll illi in kwantu l-intimati qegħdin jibbażaw ir-rifjut tagħhom fuq dak li hemm provdut fil-liġi fir-rigward tar-rekwiżiti imposti fil-Kodiċi Ċivili u fl-Att dwar iż-Żwieġ, dawk id-dispożizzjonijiet tal-liġijiet in materja jiġu mħassra.

L-eċċezzjonijiet qegħdin jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin:

1. L-azzjoni istitwita mir-rikorrenti hija improponibbli u dan peress hija bbażata fuq każijiet differenti u li m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' xulxin, bil-konsegwenza li kull koppja kellha tipproċedi b'azzjoni separata;

2. L-esponent Avukat tal-Istat jeċċepixxi illi hu mhuwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet attriċi in kwantu dawn jirrigwardaw l-aġir tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u tar-Reġistratur taż-Żwieġijiet;

3. L-azzjoni odjerna hija intempestiva u dan peress illi r-rikorrenti għadhom lanqas biss utilizzaw ir-rimedju mogħti lilhom mill-liġi senjatament permezz tal-artikolu 8(2) tal-Att dwar iż-Żwieġ biex jaraw fejn dan ser iwassalhom. F'dan ir-rigward l-esponent jeċċepixxi illi r-rikorrenti qatt ma applikaw sabiex jiġu ppubblikati t-tnidijiet taż-żwieġ u għaldaqstant ċertament illi ma jistgħux jilmentaw illi l-esponenti ma kisrulhom id-drittijiet fundamentali tagħhom u dan peress illi ebda rifjut ma ħareġ fil-konfront tagħhom ai termini tal-artikolu 8(1) tal-Att dwar iż-Żwieġ (Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta). L-esponenti jeċċepixxu wkoll illi f'każ ta' rifjut tal-ħruġ tat-tnidijiet da parti tar-Reġistratur taż-Żwiġijiet, tiskatta l-possibilita' tal-azzjoni kontemplata f'artikolu 8(2) tal-Att dwar iż-Żwieġ.

4. Apparti l-proċedura msemmija fit-tielet eċċezzjoni tagħhom l-esponenti jeċċepixxu wkoll illi r-rikorrenti qegħdin jabbużaw mill-proċess kostituzzjonali stante illi qegħdin jadoperaw proċedura straordinarja bħal ma hija l-proċedura odjerna meta kellhom a disposizzjoni tagħhom rimedji ordinarji sabiex jikkontestaw kwalunkwe deċiżjoni amministrattiva illi setgħet ttieħdet fil-konfront tagħhom u dan ai termini tal-art. 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. L-esponenti jeċċepixxu illi in kwantu qegħdin jitolbu t-tħassir tad-dispożizzjonijiet tal-liġijiet, ir-rikorrenti jridu jindikaw eżattament għal-liema artikolu tal-liġi qegħdin jirreferu. Altrimenti t-talba hija improponibbli u għandha tiġi dikjarata bħala tali minn din l-Onorabbli Qorti;

6. It-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

7. Ir-rikorrenti ma għandhom ebda legami ma' Malta u għaldaqstant ma hemmx lok illi ż-żwieġ tagħhom jiġi reġistrat hawn Malta;

8. L-esponenti jeċċepixxu għalkemm iż-żwieġ tar-rikorrenti ma ġiex reġistrat, dan ġie rikonoxxut fis-sens illi fuq iċ-ċertifkati tat-twelid tat-tfal imwielda f'Malta, it-tfal huma indikati illi huma mwielda fiż-żwieġ;

9. Kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrenti, it-tfal tagħhom imwielda hawn Malta, huma kollha rreġistrati f'Malta u għaldaqstant ma jirriżulta ebda negazzjoni tar-reġistrazzjoni tat-twelid ta' uliedhom;

Ebda ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni

10. In kwantu għal allegat ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni, l-esponenti jissottomettu illi ma hemm ebda ksur ta' dan l-artikolu u dan stante illi:

a. ir-rikorrenti ma ġewx assoġġettati għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti;

b. l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni ġew intrepretati mill-Qrati lokali bħala :

"trattament inuman u degradanti biex jikkwalifika bħala tali jrid ikun ta' natura gravi, jiġfieri li jkun trattament ta' ċertu piż u severita'.

L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ġie nterpretat hekk mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem:

> *"treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical or mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see Kafkaris v. Cyprus [GC], no. 21906/04, §95, ECHR 2008). The Court has considered treatment to be 'inhuman' because, inter alia, it was premeditated, was applied for hours at a stretch and caused either actual bodily injury or intense physical or mental suffering. It has deemed treatment to be "degrading" because it was such as to arouse in the victims feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them (see among other authorities, Kudla v. Poland [GC], no. 30210/96, §92, ECHR 2000-XI). In considering whether a punishment or treatment was 'degrading' within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object was to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3".*

Għalhekk jidher ċar li l-Qorti Ewropeja qed teskludi fi kwalunkwe każ xi sofferenza, angoxja u biża' fost oħrajn li persuna tista' tesperjenza b'mod inevitabbli fid-dawl ta' trattament leġittimu. Il-Konvenzjoni Ewropea (kif ukoll il-Kostituzzjoni tagħna) ma toffrix protezzjoni minn emozzjonjiet u esperjenzi inevitabbli fiċ-ċirkustanzi ta' trattament leġittimu u skont il-liġi kif inhu fil-każ tallum.

(c) Il-protezzjoni tad-drittijet fundamentali hija kontra trattament fost affarijet oħra premeditat, li jikkawża tbatija fiżika u mentali, u trattament intenzjonat u apposta li joħloq biża, twerwir, angoxxa eċċ., bil-għan speċifiku li jumilja u jiddegrada lid-dinjita' tal-persuna. Ma jirriżultax li l-fatti specie tal-każ odjern jistgħu li jammontaw għal dan it-tip ta' trattament u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex issib ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea li huma essenzjalment irrilevanti fil-kwadru tal-fatti tal-każ odjern;

Ebda ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni

11. In kwantu għal allegat ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, l-esponenti jissottomettu li ma hemm l-ebda ksur ta' dan l-artikolu u dan stante illi:

a. l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprovdi għall-obbligu tal-lstat li jirrispetta l-ħajja familjari ta' persuna. Pero' dan I-artikolu ma jagħti lebda dritt Iil xi persuna li tgħix jew li twaqqaf familja f'xi pajjiż partikolari;

b. Is-subartikolu (2) tal-Artikolu 8 jagħti dritt lill-lstat li jillimita dan iddritt minħabba raġunijiet ta' interess nazzjonali. Ċertament li l-konċessjoni lil persuna oriġinarja minn pajjiż terz sabiex tgħid u toqgħod f' Malta hija materja ta' interess nazzjonali;

Ebda ksur tal-artikolu 12 tal-Konvenzjoni

12. In kwantu r-rikorrenti qegħdin jallegaw ksur tal-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jissottomettu li lanqas fil-kuntest tal-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni Ewropea ma jirriżulta ksur u dan peress illi:

a. dan l-artikolu jagħti d-dritt li persuna tiżżewweġ, u mhux li tiżżewweġ f'post partikolari jew li ż-żwieġ tagħha jiġi reġistrat f'post partikolari.

b. id-dritt imsemmi f'dan l-artikolu jrid ikun mħaddem skont il-liġi fejn ikun sejjer jiġi ċelebrat iż-żwieġ u għalhekk m'hemm xejn irregolari jekk Stat partikolari jimponi ċerti rekwiżiti biex ikun jista' jsir żwieġ f'dak il-pajjiż.

Ebda ksur tal-artikolu 13 tal-Konevnzjoni Ewropea

a. Ir-rikorrent għandu għad-dispożizzjonijiet tiegħu rimedji; rimedji illi r-rikorrent uża u għadu qiegħed juża' sal-lum;

b. Il-fatt waħdu illi ċertu talbiet tar-rikorrenti ma ġewx milqugħa jew ma jistgħux jiġu milqugħa bl-ebda mod ma jfisser illi ma jeżistix rimedju prattiku u effettiv;

c. Anke kawżi kostituzzjonali jikkostitwixxu rimedju prattiku u effettiv;

Rat in-Nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-każ.

**Ikkunsidrat**

Ir-rikorrenti huma tliet koppji li ddikjaraw li huma marbuta bi żwieġ barra minn Malta iżda m'għandhom l-ebda dokument uffiċjali li juri dan għaliex jew iżżewġu b'mod tradizzjonali tagħhom ġewwa pajjiżhom, is-Sudan u n-Nigeria inkella għaliex iżżewġu f'Malta bir-rit Musulman li ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-liġi maltija. Dan wassal biex iż-żwieġ tagħhom ma jkunx irreġistrat hawn Malta. Jgħidu ukoll li konsegwenza ta' hekk, uliedhom ma jistgħux jiġu rreġistrati ġewwa Malta u għalhekk qed jaffaċjaw ħafna diffikultajiet.

Skond l-Artiklu 244 tal-Kodiċi Ċivili, żwieġ li jsir barra minn Malta jiġi rreġistrat ġewwa Malta meta ċ-ċittadin ikun Malti u l-att taż-żwieġ li jkun se jiġi rreġistrat irid ikun maħruġ minn awtorita' barranija kompetenti. L-ebda minn dawn il-koppji m'huma Maltin u lanqas ipproduċew ċertifikat taż-żwieġ u għalhekk tali żwiġijiet ma setgħux jiġu rreġistrati hawn Malta. Barra minn hekk, żwieġ li jsir hawn Malta irid ikun iċċelebrat skond l-Kap 255 tal-Liġijiet ta' Malta – l-Att dwar iż-Żwieġ. Ċjoe' qabel tali żwieġ, irid ikun hemm il-pubblikazzjoni tat-tnidijiet skond l-Artiklu 7 tal-Kap 255 u jekk wara din il-

pubblikazzjoni, iż-żwieġ jiġi rifjutat għal xi raġuni jew oħra, il-koppja tista' tappella quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.

Abdusalem Mussa Nurhusein u Sebah Mahamed Said:

Mussa Nurhusein huwa mill-Eritrea u wasal Malta f'Malta f'Awwissu 2013 flimkien ma' martu Sebah Mahmed Said. Waqt li kienu qed jiġu ntervistati mill-Uffiċċju tal-Kummissjoni għar-Refuġjati mal-wasla tagħhom Malta, huma separatament iddikkjaraw illli żżewġu lil xulxin ġewwa s-Sudan fl-2012 biċ-ċerimonja *family way marriage*. Dan iż-żwieġ ma ġie rreġistrat imkien. Peress illi skond id-dikjarazzjoni tagħhom huma żżewġu barra minn Malta, skond il-liġi Maltija, ma jistgħux jidħlu fi żwieġ ieħor hawn Malta, la ma' xulxin u lanqas ma' terzi.

Ir-rikorrenti jilmentaw illi billi ż-żwieġ tagħhom ma kienx rreġistrat, uliedhom ma jistgħux jiġu rreġistrati fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta u għalhekk uliedhom jinstabu bla att tat-twelid u qed jiġu mċaħħda mill-identita` tagħhom. Dan mhux minnu. Uliedhom huma rreġistrati u għandhom att tat-twelid[1] għaliex iż-żwieġ fis-Sudan għalkemm ma jistax jiġi rreġistrat f'Malta, madanakollu ġie meqjus u rikonoxxut mir-Reġistru Pubbliku u fil-fatt iż-żewġt itfal huma meqjusa bħala mwielda fiż-żwieġ.

Chuwuka Otabor u Anita Okwoukeye

Il-koppja mwielda n-Nigeria waslet Malta f'Ġunju 2007. Waqt l-interrogatorju li kellhom mal-wasla tagħhom Malta ddikjaraw li żżewġu fin-Nigerja f'Jannar 2006 skond il-*family way marriage* iżda dan sar mhux b'mod

[1] Dok VS1 u VS2 a fol 664 u 665

ufficċjali u allura ma setgħux jipprovdu dokumenti. Huma ingħataw status ta' rifuġjat.

F'Malta, Anita Okwoukeye welldet tlett itfal, li kollha ġew irreġistrati bħala mweldin minn koppja miżżewwġa – Precious bl-att numru 4212/2008[2], Gift bl-att numru 169/2012[3] u Princess bl-att 5349/2015[4].

Mahad Ahmed Abdullahi u Nasra Hashi Farah

Nasra Hashi Farah ġiet Malta f'Marzu 2015 u l-applikazzjoni tagħha għall-status ta' refuġjat ġiet miċħuda. Tgħix Malta permezz ta' *Police Card* li tinħareġ kull tlett xhur. Waqt li kienet ġewwa Malta daħlet f'relazzjoni ma' Mahad Ahmed Abdullahi li jgawdi minn protezzjoni sussidjarja. F'Ottubru 2017 huma ċċelebraw żwieġ musulman li m'għandux effetti ċivili hawn Malta billi ma sarx skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar iż-Żwieġ. Il-koppja għandhom żewġt itfal li ġew irreġistrati f'Malta/Għawdex kif juru l-att tat-twelid 219/2017[5] u l-att tat-twelid 6311/2018[6].

Il-koppja qatt ma applikat biex jiġu ppubblikati t-tnedijiet skond il-liġi u għalhekk ir-Reġistru taż-Żwieġ ma setax joħroġ rifjut ai termini tal-Artiklu 8 u konsegwentament ma setgħux jagħmlu użu mill-proċedura ta' appell minn dik id-deċiżjoni fil-Qorti kompetenti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.

**L-ewwel eċċezzjoni**

L-Artiklu 161(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi żewġ atturi jew aktar jistgħu jibdew il-kawżi tagħhom b'rikors wieħed jekk iż-

[2] Dok. VS3 a fol. 666.
[3] Dok. VS4 a fol. 667.
[4] Dok. VS5. a fol. 668.
[5] Dok. VS6 a fol. 669.
[6] Dok. VS7 a fol. 670.

żewġ kawżi jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin minħabba fil-mertu tagħhom, jekk id-deċiżjoni li tingħata dwar waħda mill-kawżi tista' tolqot id-deċiżjoni dwar il-kawża jew il-kawżi l-oħra u jekk il-provi li jinġiebu f'waħda mill-kawżi jkunu, ġeneralment, l-istess provi li għandhom jinġiebu fil-kawża jew fil-kawżi l-oħra.

Meta ddaħħal fil-Kodiċi l-Artiklu li ta jedd tal-azzjoni kollettiva formalment, ġie meqjus li lanqas kien għadu meħtieġ li l-atturi kollha jkollhom l-istess interess fil-kawża jekk kemm-il darba t-talbiet setgħu jkunu l-istess u joħorġu mill-istess ċirkostanzi[7]. Dan għaliex ġie mfisser li l-artiklu 156A kien maħsub biex iħaffef din l-għamla ta' azzjoni biex inaqqas l-ammont ta' kwistjonijiet fuq ħwejjeġ marbutin ma' xulxin, u minħabba li l-artiklu 156A innifsu kien jistabilixxi f'liema ċirkostanzi setgħet issir l-azzjoni kollettiva. Kif ingħad aktar 'il fuq, dawk ir-rekwiżiti huma llum imsemmija fl-artiklu 161(3).

Huwa biżżejjed li tkun tapplika waħda mill-kontinġenzi msemmija fl-artiklu 161(3) tal-Kodiċi sabiex l-azzjoni kollettiva tista' tinġieb 'il quddiem, dan dment li l-provi li jitressqu jkunu ġeneralment l-istess fil-kawżi kollha li kieku riedu jsiru.

Jidher mir-rikors promotur illi l-kwistjoni li trid tkun riżolta illum hija l-istess għal kull wieħed mill-atturi, u l-interess mislut mit-titolu u l-għan tal-kawża huwa l-istess għalihom ukoll.

Għalhekk din l-eċċezzjoni sejra tiġi miċħuda.

***Locus Standi***

Qiegħed jingħad mill-Avukat tal-Istat illi mhuwiex il-legittimu kuntradittur u dan skont l-Artiklu 181B tal-Kapitlu 12 li l-għan tiegħu huwa li fi proċeduri

[7] Kawża fl-ismijiet Vella et vs Buġeja (Kollez. Vol: LXXV.iii.712) - 4.6.1991 – P.A

ġudizzjarji l-Gvern ikun rappreżentat mill-Kap tad-Dipartiment involut, u fejn tali rappreżentazzjoni mhux possibbli minħabba n-natura tat-talba, allura huwa l-Avukat tal-Istat li għandu jidher għal u jgawdi rappreżentanza residwa tal-istess Gvern.

Tajjeb li jingħad, li bil-mod kif inhu postulat ir-rikors promutur, u ġaladarba qed tkun attakkata l-liġi, li tagħti l-awtorita' li jiġu rreġistrati żwiġijiet hawn Malta li qed jilmentaw minnhom ir-rikorrenti, il-preżenza tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u Reġistratur taż-żwiġijiet intimati m'humiex biżżejjed kemm għall-effikaċja tal-ġudizzju u kif ukoll għall-integrita' tiegħu.

Għalhekk il-Qorti sejra tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat.

**Rimedju alternattiv**

Permezz tat-tielet u r-raba' eċċezzjoni, il-konvenuti jsostnu li r-rikorrenti għandhom rimedju ordinarju li kellhom jirrikorru għalih qabel jiftħu proċeduri kostituzzjonali, li huma proċeduri ta' natura straordinarja. Ir-rimedju ordinarju huwa dak li wieħed isib fl-Artiklu 8(2) tal-Att dwar iż-Żwieġ kif ukoll ir-rimedju ġenerali fil-forma ta' stħarriġ ġudizzjarju skont l-Artiklu 469A tal-Kapitlu 12.

L-intimati jargumentaw illi xorta jistgħu jinbdew proċeduri taħt l-Artiklu 7 tal-Kap 255 u jiġu pubblikati t-tnidijiet, biex b'hekk ir-Reġistru taż-Żwieġ ikun jista' joħroġ rifjut ai termini tal-Artiklu 8 u l-koppji jkollhom il-possibilita' li jappellaw minn dik id-deċiżjoni billi jagħmlu rikors fil-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja u hekk il-Qorti msemmija tkun tista' tagħti l-ordijiet li jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi.

Ir-rikorrenti qatt ma applikaw għall-pubblikazzjonijiet tat-tnidijiet kif tirrikjedi l-ligi.

Il-Qorti għandha diskrezzjoni li tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha f’kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta’ rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra. Diskrezzjoni li trid titwettaq b’mod korrett u fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja sabiex persuna ma tkunx imċaħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni. In-nuqqas waħdu ta’ teħid ta’ mezzi ordinarji mir-rikorrenti m’huwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta’ xejra kostituzzjonali tiddeċiedi li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma’ l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrenti.

Il-kunsiderazzjonijiet applikabbli meta l-Qorti tigi biex tiddeciedi jekk ir-rikorrenti għandhomx jew kellhomx għad-dispozizzjoni tagħhom rimedju ordinarju alternattiv u effettiv ġew miġbura delineati mill-Qorti Kostituzzjonali, fis-sentenza fl-ismijiet **Olena Tretyak v. Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs** mogħtija fis-16 ta’ Jannar 2006:

(a) l-eżistenza ta’ rimedju ieħor

(b) aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur lamentat

(ċ) m’hemmx għalfejn jintwera li se jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, imma jkun biżżejjed li jkun wieħed li jista’ jiġi segwit b’mod prattiku, effettiv u effikaċi.

Fil-kawża **Stacey Spiteri et vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku** (Rik Nru 5/2011) ikkonfermata fis-27 t'April 2012, il-Qorti Kostituzzjonali għamlet is-segwenti osservazzjonijiet li jgħoddu wkoll għall-każ tallum:

> Issa, f'dan il-kaz, din il-Qorti tara li r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju effettiv għal-lanjanzi tagħhom. Id-digrieti tal-Qorti Civili ta' Gurisdizzjoni Volontarja jistgħu jigu attakkati b'rikors guramentat ordinarju quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, u din għandha s-setgħa tikkonferma, tirrevoka jew timmodifika d-digrieti impunjati. Din mhijex xi procedura straordinarja; kienet issir fil-passat u għadha ssir sal-lum (ara per ezempju l-kawza "Id-Direttur tar-Registru Pubbliku vs Cassar", deciza fil-21 ta' Mejju 2008). Dik hi procedura ordinarja unormali u ma kien hemm xejn li zamm lir-rikorrenti milli hekk jipprocedu.4
>
> Illi fil-kaz in ezami, din il-Qorti tara li r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju effettiv għal-lanjanzi tagħhom. Fl-ewwel lok ir-rikorrenti setgħu facilment jagħmlu talba quddiem il-Qorti ta' gurisdizzjoni volontarja u jekk ihossuhom aggravati mid-digriet tal-Qorti Civili ta' Gurisdizzjoni Volontarja, huma setgħu jikkontestawh b'rikors guramentat ordinarju quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, liema Qorti għandha s-setgħa tikkonferma, tirrevoka jew timmodifika d-digriet impunjat. Din hija procedura ordinarja u ma kien hemm xejn li jzomm lir-rikorrenti milli hekk jipprocedu. F'dawk il-proceduri, il-qorti ordinarja tkun tista' tidhol biex tezamina l-fatti tal-kaz u tqis hi jekk għandhomx jinhargu o meno t-tniddijiet sabiex ikunu jistgħu jizzewgu. Mill-atti fil-fatt jirriżulta li r-rikorrenti mhux jikkontestaw illi minflok uzaw ir-rimedju ordinarju huma irrikorrew mill-ewwel quddiem il-Qorti ta' indoli Kostituzzjonali.
>
> -omissis-
>
> Din il-qorti [il-Qorti kostituzzjonali) m'hix "a trial court", u l-funzjoni tagħha hu biex tara li jigu salvagwardati d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u mhux li tisma' fatti u tiddeciedi favur xi parti wara analizi ta' dawk il-fatti. Dan ix-xogħol isir mill-qrati ordinarji, u hu lejn dawk il-qrati li r-rikorrenti kellhom iressqu l-aggravju tagħhom. Hu car, għalhekk, li jezistu mezzi ordinarji li kienu disponibbli biex ir-rikorrenti jiksbu rimedju għall-ilment tagħhom, u huwa biss wara li jkunu fittxu dawk il-mezzi li għandu jintuza r-rimedju kostituzzjonali.

Dan huwa applikabbli għal każ odjern stante li l-veru rimedju li qed jitolbu ir-rikorrenti fil-kawża odjerna huwa li jitħallew jiżżewġu. F'dan ir-rigward għalhekk kif diġa ġie ritenut jirriżulta li r-rikorrenti kellhom mezz xieraq ta' rimedju għall-ksur tad-dritt minnhom vantat fil-proċedura traċċjata fis-subartiklu (2) tal-Artiklu 8 tal-Kapitolu 255, liema rimedju huwa wieħed effettiv, aċċessibbli, kif ukoll effikaċi.

**Artiklu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea**

L-artiklu 3 tal-Konvenzjoni jgħid li "*Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti*"

Illi kemm dan huwa tabilħaqq hekk, bil-kliem "trattament degradanti" wieħed jifhem "*treatment that humiliates or debases ... Degrading treatment in the sense of article 3 is conduct that 'grossly humiliates', although causing less suffering than torture. The question is whether a person of the applicant's sex, age, health, etc., of normal sensibilities would be grossly humiliated in all the circumstances of the case*."[8] Hemm differenza wkoll bejn trattament inuman u trattament degradanti. Kull trattament inuman huwa minnu nnifsu wieħed ukoll degradanti, iżda mhux kull trattament degradanti jsir trattament inuman[9], liema trattament "*covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering*"[10]

Illi biex iseħħ ksur tal-artiklu 3, it-trattament degradanti jrid jintwera li "*gravement ibaxxi lil dak li jkun quddiem ħaddieħor .... u jidher li llum hu ġeneralment aċċettat li biex trattament determinat jaqa' taħt il-komminazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet fuq ċitati, jeħtieġ ċertu grad ta' gravita'*, li mingħajru ma jkunx jista' jingħad li seħħ ksur ta' dak il-jedd[11]. Għalhekk, biex trattament jitqies li jkun degradanti, irid jintwera li jmur lil hinn minn sempliċi inkonvenjenza jew disaġju[12]

Minbarra dan, jista' jkun il-każ li l-qies dwar jekk imġiba partikolari tkunx waħda li ġġibx ksur tal-imsemmi jedd irid ikun "*judged by the circumstances of the case and the prevalent views of the time .. .. It is clear that the answer to the question whether Article 3 has been violated, although depending on all*

[8] Harris, O'Boyle & Warbrick *Law of the European Convention of Human Rights*, paġġ. 80 - 1
[9] Meinrad Calleja vs Kummissarju tal-Pulizija et - 19.2.2008 - Kost
[10] K Reid A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights (3rd Edit., 2008) §IIB – 416, paġ. 575
[11] Q.E.D.B. 6.10.2015 fil-kawża fl-ismijiet Lecomte vs Ġermanja (Applik. Nru. 80442/12) §§ 91 – 2
[12] Testa vs Attard noe et (Kollez. Vol: LXXIII.i.185) - 18.11.1989 - Kost

*the circumstances of the case, including such factors as the mental effects on the person concerned, is not entirely dependent on his subjective appreciations and feelings*"[13]

Illi għal dak li jirrigwarda l-piż tal-prova ta' ksur tal-artiklu 3, jidher li jaqa' fuq min jilminta mill-ksur tal-imsemmi jedd li jressaq prova lil hinn mid-dubju raġonevoli li tabilħaqq ikun seħħ ksur ta' l-imsemmi artiklu.

Trattament jitqies bħala inuman meta tal-anqas iġib fuq il-vittma tbatija fiżika jew psikika "intensa" mqar jekk mhux akkompanjata bi ġrieħi li jidhru fuq il-ġisem, u jekk "iqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biża', angoxxia u sens ta' inferjorita' li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun saħansitra sakemm possibilment jabbattu r-reżistenza fiżika jew morali tiegħu"[14]

Illi mill-provi mressqin matul is-smigħ tal-kawża ma rriżultax li kien hemm ksur ta' dan l-Artiklu.

**Artiklu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea**

Kif igħidu l-awturi **Harris, O'Boyle and Warbrick** fil-ktieb "Law of the European Convention on Human Rights" (Oxford 2nd ed. 2009):

> *It should be noted at the outset that the obligation on the state is to respect family life: it does not allow persons to claim a right to establish family life, e.g. by marrying or having the opportunity to have children by whatever means, nor a general right to establish or enjoy family life in a particular jurisdiction.*

Għalkemm l-istess awturi iżidu illi "*... the right to respect for one's family life may involve recognition by the state of the reality of family life already established*".

[13] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006), §

[14] Paul Caruana vs Id-Direttur tal-Ħabs et - 31.10.2014 - Kost

Iżidu illi "If the parents cohabit but are unmarried, it will usually be the case that they enjoy family life together and with their children (ara **Johnston vs Ireland** A112 (1986)".

> *Prospective relationships as husband and wife that is to say, those between present fiancè and financèe may be regarded as family life if they are sufficiently established (Wakefield vs UK 15817/89). When the union between partners is informal, it will depend on all the facts whether it constitutes family life. Stability of the relationship over a period of time and the intention of the partners are significant factors*.

L-ingredjent essenzjali tal-ħajja ta' familja hu d-dritt li l-koppja tgħix flimkien biex ir-relazzjoni tiżviluppa b'mod normali u l-membri tal-familja jkunu jistgħu jgawdu lil xulxin.

L-artiklu 8(1) jipproteġi d-dritt għar-rispett għal varji interessi hemm imsemmija fosthom id-dritt għal-ħajja familjari. Tali użu ta' kelma speċifika tagħmilha ċara li mhux kull att ta' awtorita' pubblika li jista' jkollu impatt fuq tali eżerċizzju jsarraf fi vjolazzjoni ta' dan id-dritt.

Il-lanjanza tar-rikorrenti hija illi l-Istat qed jimponi kundizzjonijiet mhux meħtiega mil-ligi biex ir-rikorrenti jkunu jistgħu jirreġistraw iż-żwieġ tagħhom. Pero' kif ġia' intqal l-obbligu tal-istat li jirrispetta l-ħajja familjari ma jagħtix jedd lill-persuni li jippretendu xi dritt għall-ħajja familjari biż-żwieġ u bi żwieġ f'ġurisdizzjoni partikolari. Mhix dak li qed jiġi protett b'dan id-dritt fundamentali iżda li ħajja familjari diġa` sodisfaċentement stabbilita jew li f'ċerti każijiet jista' jingħad b'konvinzjoni li waslet biex tiġi stabbilita tiġi rispettata mill-istat. Iż-żewġ drittijiet, dak taż-żwieġ u l-ħajja familjari huma distinti u protetti b'artikli differenti tal-Konvenzjoni Ewropea, għalkemm f'ċerti aspetti jistgħu jirkbu wieħed fuq l-ieħor. Però mhux f'dan il-każ partikolari fejn din il-lanjanza taħt l-artiklu 8 ma ssibx sostenn fil-provi prodotti mir-rikorrenti biex jinvokaw il-vjolazzjoni tiegħu. Il-formalitajiet taż-

żwieġ mhux ser ibiddlu xejn mir-raġunijiet fattwali li jwasslu għall-eżistenza jew prossimita' ta' eżistenza ta' relazzjoni familjari.[15]

Din il-Qorti qed tirrespinġi li qed isir xi vjolazzjoni tad-dritt għal ħajja familjari taħt dan l-artiklu.

**Artiklu 12 tal-Konvenzjoni Ewropeja:**

Dan l-artiklu jagħti d-dritt li persuna tizzewweg, u mhux li tizzewweg f'post partikolari. Id-dritt imsemmi f'dan l-artiklu jrid ikun mħaddem skont il-liġi fejn ikun sejjer jiġi ċelebrat iż-żwieġ u għalhekk m'hemm xejn irregolari jekk Stat partikolari jimponi ċerti rekwiżiti biex ikun jista' jsir żwieġ f'dak il-pajjiż.

Kif igħidu l-awturi **Harris, O'Boyle u Warbrick** fil-ktieb *Law of the European Convention on Human Rights* (Oxford 2nd ed 2009):

> *Article 12 guarantees the right to marry and found a family according to the national laws governing the exercise of this right. This qualificatory wording is of a quite different kind from that in articles 8-11. While it does provide a wider margin of appreciation to states, the words are not to be read literally for that would deprive article 12 of all meaning at the international level. National laws must satisfy a European standard as to the meaning of a law and 'not restrict or reduce the rigħt in such a way or to such an extent that the very essence of the right is impaired'. This interpretation is bolstered by the words 'governing the exercise of this right which indicate that the national laws may regulate but not prohibit or exclude the right altogether.*

L-Artiklu 12 ma jistax jiġi interpretat li jagħti *carte blanche* sabiex persuna tikkuntratta żwieġ mingħajr ma jitħarsu l-liġijiet tal-pajjiż. F'dan il-każ, l-Istat mhux jinnega d-dritt taż-żwieġ lir-rikorrenti iżda tali żwieġ ma jiġix reġistrat la ma jissodisfax il-kriterji mniżżla fil-liġi; għalkemm xorta waħda jiġi rikonoxxut.

Għaldaqstant ma hemmx leżjoni tal-Artiklu 12.

[15] Claudine Desira et v Direttur tar-Registru Pubbliku – 09.11.2012 - QK

**Artiklu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja**

L-Artiklu 13 tal-Konvenzjoni jipprovdi:-

> "Kull min ikollu mħarsa d-drittijiet u libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorita nazzjonali għalkemm dan il-ksur ikun sar minn persuni li jkun qed jaġixxi f'kariga uffiċjali".

F'paper *Effective Remedies as a Fundamental Right* li nkitbet minn Martin Kuijer,[16] professur tal-liġi dwar id-dirttijiet fundamentali fl-Universita` t'Amsterdam, ikkummenta hekk dwar l-artiklu 13 tal-Konvenzjoni u Artiklu 47 tal-*EU Charter of Fundamental Rights*:-

> *"these provisions are the embodiment of the principle of subsidiarity. This principle is one of the underlying foundations of the Convention mechanism. Domestic authorities of the High Contracting Parties to the ECHR have the primary duty to guarantee Convention rights and freedoms, whilst the Court serves as a 'safety net'. Article 13 of the Convention has therefore "close affinity" with Article 35 paragraph 1 of the Convention. The respondent State 'must first have an opportunity to redress the situation complained of by its own means and within the framework of its own domestic legal system'. The Court may only deal with the matter after all domestic remedies have been exhausted insofar as "that rule is based on the assumption, reflected in Article 13 of the Convention [...] that there is an effective remedy available in the domestic system in respect of the alleged breach". However, "the only remedies which Article 35 paragraph 1 requires to be exhausted are those that relate to the breach alleged and are available and sufficient. The existence of such remedies must be sufficiently certain, not only in theory but also in practice".*

Fis-sentenza **Angela sive Gina Balzan vs Avukat Ġenerali** tal-31 ta' Jannar 2019 din l-istess Qorti qalet:

> "Dan allura jfisser li dak li jesiġi l-artiklu 13 tal-Konvenzjoni huwa li l-Istat Malti jipprovdi mekkanizmu ta' rimedju effettiv sabiex persuna li tħoss li d-drittijiet fundamentali tagħha ġew miksura jkollha l-mezz li tfittex għal rimedju kif ukoll mekkaniżmu li fejn jinstab li jkun hemm ksur ta' dawn id-drittijiet fundamentali, il-persuna leża tingħata rimedju effettiv. Il-Qorti ssib li dawn iz-zewg mekkanizmi ġew imħaddma mill-Istat fil-każ tal-lum. Infatti r-rikorrenti mhux biss setgħet tieħu azzjoni dwar l-ilmenti kostituzzjonali tagħha biex tfittex rimedju permezz ta' dawn il-proċeduri stess iżda, kif ser jingħad aktar 'il quddiem, hija ser tkun qed tingħata rimedju fil-fehma tal-Qorti effettiv għall-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali kif deċiż minn din il-Qorti. Għalhekk dan l-ilment tar-rikorrenti mhuwiex ġustifikat".

[16] Seminar on human rights and access to justice in the EU 28-29 April 2014, Barcelona kif ċitata f'Perit Ian Cutajar u martu Victoria Cutajar v Avukat tal-Istat et – Qorti Kostituzzjonali – 6.10.2020.

Għalhekk il-Qorti ma ssib l-ebda ksur tal-Artiklu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.

***Decide***

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

(1) Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati safejn mhumiex kompatibbli ma' din is-sentenza.
(2) Tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrenti.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA